StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Taħdita**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI
- Mit-tiftix u l-istudju li għamilt, għid x'tifhem bil-kelma folklor, b'mod ġenerali.
- Semmi eżempji ta' attivitajiet jew drawwiet li jitqiesu parti mill-folklor tal-gżejjer tagħna.
- Taħseb li fi żmienna għad hawn aspetti folkloristiċi li għadhom ħajjin f'pajjiżna?

IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA
- X'tifhem bil-kliem Kultura Maltija llum?
- Tara differenzi bejn il-mod ta' ħajja tal-Maltin illum ma' dak ta' xi żmien ilu: fix-xogħol, fid-djar, fid-divertiment, fl-ilbies, eċċ?
- Jekk inti dilettant tal-mużika, tal-arti, jew inkella tal-isport, x'taf tgħid fuq xi ħaġa minn dawn f'Malta ta' żmienna?

LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA
- X'tip ta' lingwa hu l-Malti u kif inhuwa ffurmat?
- Taħseb li jkun hemm influwenzi negattivi jew pożittivi fuq il-lingwa Maltija mill-mezzi ta' komunikazzjoni u min-nies li jidhru, jinstemgħu jew jiktbu fuqhom? Għid għaliex.
- Fl-ilsien Malti fi żmienna, xejriet ġodda ta' ħajja u aspetti oħra, bħat-teknoloġija tal-informatika jew l-isport, qed inisslu kliem ġdid fil-lingwa. Tkellem fuq dan u agħti eżempji.
- Taħseb li fi żmienna l-Maltin jistgħu jgħaddu bla ma jkunu jafu xi lingwa oħra barra l-Malti? Ġib eżempji għall-argumenti tiegħek.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 1 L-Akwedott ta' Wignacourt

**Il-Granmastru Alof de Wignacourt kien wieħed mill-Granmastri tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann l-aktar magħrufin. Mexxa l-Ordni mill-1601 sal-1622.**

**L-aktar li jibqa' magħruf huwa għall-proġett kbir li kkummissjona fl-1610 biex il-Belt Valletta jkollha l-ilma għall-popolazzjoni tagħha, li mal-bidu tas-seklu sbatax kienet diġà tilħaq għaxart elef ruħ. Kien jeħtieġ jinbena l-akwedott biex minnu jitwassal l-ilma mir-Rabat u Ħad-Dingli sal-Belt, bejn wieħed u ieħor tnax-il kilometru. Parti minnu bejn Ħ'Attard u Santa Venera jgħaddi fuq ħnejjiet jew arkati li naraw fil-biċċa l-kbira mal-ġenb ta' Triq l-Imdina.**

**Il-fondi għall-akwedott ġew minn taxxa li ġiet imposta fuq il-qamħ li kien jinbiegħ lill-furnara, li ġabret 40,000 skud, somma li ċertament ma kinitx biżżejjed. Id-differenza nġabret minn kontribuzzjonijiet minn xi kavallieri, imma l-akbar kontribut ġie mingħand il-Granmastru Alof de Wignacourt innifsu li kien ħareġ mal-400,000 skud.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Il-magħruf Granmastru Alof de Wignacourt.*
- *Il-proġett tal-akwedott, għalfejn sar u minn fejn jgħaddi.*
- *Minn fejn ġew il-flus biex sar.*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 2 Il-Balkani

**Il-Balkani huma l-artijiet li jinsabu fil-parti t'isfel tal-Lvant tal-Ewropa. Fost il-pajjiżi li jagħmlu ma' dan ir-reġjun insibu l-Albanija, il-Bożnija u l-Bulgarija, iżda billi dan mhux xi entità politika, m'hemmx fruntieri stabbiliti, u għalhekk pajjiżi bħar-Rumanija u s-Slovenja mhux dejjem huma kkunsidrati parti mill-Balkani.**

**Dan ir-reġjun jieħu ismu minn katina ta' muntanji li jinżlu tul in-nofs tal-Bulgarija u jaslu sal-Lvant tas-Serbja. Minbarra aspetti ġeografiċi hemm ukoll aspetti storiċi li jagħtu identità lil dan ir-reġjun. Għal ħafna żmien, għall-anqas sa minn żmien l-Imperu Ruman, kien reġjun ta' fruntiera għal imperi oħra wkoll, sal-waqgħa tal-Imperu Ottoman tat-Turkija, li ntemm mal-Ewwel Gwerra l-Kbira, kważi 100 sena ilu.**

**L-istorja tal-Balkani hi waħda mimlija invażjonijiet u gwerer sal-aktar waħda reċenti tas-snin disgħin, li wasslet għall-qsim ta' dik li kienet magħrufa bħala l-Jugoslavja.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Fejn jinsabu l-Balkani.*
- *Ftit deskrizzjoni u storja.*
- *Reġjun ta' invażjonijiet u gwerer.*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkun fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Minn: *Il-Magna li Tagħsar* – minn kitba ta' J.J. Mazzella**

**Meta kont daqsxejn ta' tifel, kellna magna tal-ħasil b'magħsar magħha. Dan kien magħmul minn żewġ rombli fuq xulxin li kont tgħaddi l-ħwejjeġ minnhom u jingħasru bil-pressa tagħhom. Malli tqabbad tarf ta' biċċa ħwejjeġ, il-magħsar kien jaħtafhom, jgħaddihom ġewwa u jgħaffiġhom b'kemm kellu saħħa, biex joħorġilhom sal-anqas qatra ilma minn ġo fihom.**

**Ta' tifel li kont dejjem kont nipprova nimmaġina kif dawn il-povri ħwejjeġ kienu jħossuhom huma u għaddejjin minn bejn ir-rombli. Darba minnhom qtajt xewqti għax waqt li kont qed ngħin lil ommi taħsel il-ħwejjeġ, inqabduli żewġ swaba' fir-rombli! Emmnuni, tgħidx kemm bdejt noqgħod attent wara dan l-inċident.**

**Jalla, tħossok kemm tħossok titgħaffeġ fil-ħajja, dejjem jirnexxilek tqum u tagħżel aktar paċi u mħabba f'ħajtek, u minn dik l-esperjenza ssir bniedem aktar sħiħ.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Deskrizzjoni tal-magħsar tal-magna tal-ħasil antika.*
- *Il-kurżità ta' tifel u xi ġralu darba.*
- *Tagħlima minn din l-esperjenza.*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 4 Ħlejjaq

**Xi drabi, madwarna nilmħu l-preżenza, kultant bil-kemm il-kemm, ta' ħlejjaq li ma tantx jagħtu fil-għajn. Ħafna minn dawn twarrbu fil-ġenb, fil-kurituri dojoq u l-irqajja' żgħar ta' ambjent naturali mhedded mid-daqqa tal-gaffa, mill-konkrit, mit-tinġis u l-inġenji tal-*iżvilupp.* Oħrajn b'xi mod addattaw ruħhom għal konvivenza sfurzata mal-bniedem f'ambjent urbanizzat fejn ifittxu roqgħa spazju – sostitut fqir għall-ambjent oriġinali tagħhom.**

**Dawk li ma laħqux jew li ma setgħux jaddattaw ruħhom, għebu minn gżiritna – bħalma sparixxew il-barbaġann, il-bumarin, iċ-ċawla, il-fekruna tal-baħar. Iżda minkejja ċ-ċokon tal-gżejjer tagħna, il-perċentwal estremament għoli ta' art mibnija u ħakma ta' 7,000 sena mill-bniedem, xorta baqa' natura li tibqa' tipprova tissielet għall-ispazju tagħha.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Ħlejjaq li bilkemm nindunaw bihom u oħrajn li jaddattaw ruħhom minħabba l-iżvilupp.*
- *Għalkemm xi ħlejjaq inqerdu bil-bini, in-natura tipprova ssib spazju.*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**

**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 5 In-Niċeċ

**Jidher li l-fenomenu li n-nies tagħmel niċeċ, statwi jew immaġni għal qaddisin jew divinitajiet li lejhom ikollha ċerta devozzjoni, mhix biss ħaġa tal-kattoliċi, iżda tinsab f'reliġjonijiet oħra wkoll. Naturalment wieħed ma jistax jistenna li dawn se jsibhom f'postijiet fejn ir-reliġjon tipprojbixxi l-użu ta' xbihat. U jidher li din hija prattika li tmur lura sew fil-qedem ukoll.**

**Fl-Ewropa ta' żmienna, l-aktar li ssib minn dawn in-niċeċ hu fil-pajjiżi bi tradizzjoni Kattolika: l-Italja, Spanja, Franza, il-Portugall kif ukoll fil-pajjiżi Ewropej li kienu jiffurmaw parti mill-ex-imperu tal-Awstrija, bħall-istess Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja. Issibhom ukoll in-naħa t'isfel tal-Ġermanja, speċjalment il-Bavarja. Anqas ma jonqsu fil-pajjiżi Latino-Amerikani, fejn naturalment kienu ħadu magħhom u imponew drawwiethom il-kolonizzaturi Spanjoli u Portugiżi.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *In-niċeċ jew xbihat sagri mhux xi ħaġa tal-kattoliċi biss u tmur lura sa fil-qedem.*
- *F'liema pajjiżi tista' ssib l-aktar minn dawn in-niċeċ.*



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 6 Il-Ħin

**Immaġina li hemm bank li kull filgħodu jiddepożitalek sitta u tmenin elf u erba' mitt Ewro fil-kont tiegħek. Il-kundizzjoni marbuta ma' dan id-depożitu hi li l-flus ma jistgħux ikunu ttrasferiti minn ġurnata għall-oħra. Ikollok kemm ikollok, il-bilanċ jiġi dejjem zero malli jdoqq nofs il-lejl.**

**Kull wieħed u waħda minna għandna kont f'dan il-bank jismu ĦIN. Kull filgħodu jiddepożitalek sitta u tmenin elf u erba' mitt sekonda. Kull fil-għaxija jeħodlok dak kollu li ma jkunx irnexxielek tinvesti f'affarijiet tajbin. Illum ma tistax tissellef minn tal-bieraħ. Il-ħin iservi għal dak il-jum biss. Minn ġurnata għall-oħra titlef kollox. Kull filgħodu jinfetaħlek kont ġdid. Jekk ma tużax id-depożitu tal-ġurnata, it-telfa hi tiegħek. Għalhekk agħraf għożż kull sekonda u kull mument ta' ħajtek. Il-bieraħ għadda u mar. Għada għadu ma wasalx. Għix tajjeb illum u għada erġa'** ***ibda.***

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *L-awtur jitkellem fuq il-ħin bħala depożitu ta' flus, u l-kundizzjonijiet marbutin miegħu.*
- *L-awtur ifisser xi jrid jgħid fl-ewwel paragrafu u jħeġġiġna biex nużaw il-ħin sew.*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari** |
|---|---|---|

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 1 L-Akwedott ta' Wignacourt

**Il-Granmastru Alof de Wignacourt kien wieħed mill-Granmastri tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann l-aktar magħrufin. Mexxa l-Ordni mill-1601 sal-1622.**

**L-aktar li jibqa' magħruf huwa għall-proġett kbir li kkummissjona fl-1610 biex il-Belt Valletta jkollha l-ilma għall-popolazzjoni tagħha, li mal-bidu tas-seklu sbatax kienet diġà tilħaq għaxart elef ruħ. Kien jeħtieġ jinbena l-akwedott biex minnu jitwassal l-ilma mir-Rabat u Ħad-Dingli sal-Belt, bejn wieħed u ieħor tnax-il kilometru. Parti minnu bejn Ħ'Attard u Santa Venera jgħaddi fuq ħnejjiet jew arkati li naraw fil-biċċa l-kbira mal-ġenb ta' Triq l-Imdina.**

**Il-fondi għall-akwedott ġew minn taxxa li ġiet imposta fuq il-qamħ li kien jinbiegħ lill-furnara, li ġabret 40,000 skud, somma li ċertament ma kinitx biżżejjed. Id-differenza nġabret minn kontribuzzjonijiet minn xi kavallieri, imma l-akbar kontribut ġie mingħand il-Granmastru Alof de Wignacourt innifsu li kien ħareġ mal-400,000 skud.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari** |
|---|---|---|

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 2 Il-Balkani

**Il-Balkani huma l-artijiet li jinsabu fil-parti t'isfel tal-Lvant tal-Ewropa. Fost il-pajjiżi li jagħmlu ma' dan ir-reġjun insibu l-Albanija, il-Bożnija u l-Bulgarija, iżda billi dan mhux xi entità politika, m'hemmx fruntieri stabbiliti, u għalhekk pajjiżi bħar-Rumanija u s-Slovenja mhux dejjem huma kkunsidrati parti mill-Balkani.**

**Dan ir-reġjun jieħu ismu minn katina ta' muntanji li jinżlu tul in-nofs tal-Bulgarija u jaslu sal-Lvant tas-Serbja. Minbarra aspetti ġeografiċi hemm ukoll aspetti storiċi li jagħtu identità lil dan ir-reġjun. Għal ħafna żmien, għall-anqas sa minn żmien l-Imperu Ruman, kien reġjun ta' fruntiera għal imperi oħra wkoll, sal-waqgħa tal-Imperu Ottoman tat-Turkija, li ntemm mal-Ewwel Gwerra l-Kbira, kważi 100 sena ilu.**

**L-istorja tal-Balkani hi waħda mimlija invażjonijiet u gwerer sal-aktar waħda reċenti tas-snin disgħin, li wasslet għall-qsim ta' dik li kienet magħrufa bħala l-Jugoslavja.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 20**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari** |
|---|---|---|

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Minn: *Il-Magna li Tagħsar* – minn kitba ta' J.J. Mazzella**

**Meta kont daqsxejn ta' tifel, kellna magna tal-ħasil b'magħsar magħha. Dan kien magħmul minn żewġ rombli fuq xulxin li kont tgħaddi l-ħwejjeġ minnhom u jingħasru bil-pressa tagħhom. Malli tqabbad tarf ta' biċċa ħwejjeġ, il-magħsar kien jaħtafhom, jgħaddihom ġewwa u jgħaffiġhom b'kemm kellu saħħa, biex joħorġilhom sal-anqas qatra ilma minn ġo fihom.**

**Ta' tifel li kont dejjem kont nipprova nimmaġina kif dawn il-povri ħwejjeġ kienu jħossuhom huma u għaddejjin minn bejn ir-rombli. Darba minnhom qtajt xewqti għax waqt li kont qed ngħin lil ommi taħsel il-ħwejjeġ, inqabduli żewġ swaba' fir-rombli! Emmnuni, tgħidx kemm bdejt noqgħod attent wara dan l-inċident.**

**Jalla, tħossok kemm tħossok titgħaffeġ fil-ħajja, dejjem jirnexxilek tqum u tagħżel aktar paċi u mħabba f'ħajtek, u minn dik l-esperjenza ssir bniedem aktar sħiħ.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari** |
|---|---|---|

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 4 Ħlejjaq

**Xi drabi, madwarna nilmħu l-preżenza, kultant bil-kemm il-kemm, ta' ħlejjaq li ma tantx jagħtu fil-għajn. Ħafna minn dawn twarrbu fil-ġenb, fil-kurituri dojoq u l-irqajja' żgħar ta' ambjent naturali mhedded mid-daqqa tal-gaffa, mill-konkrit, mit-tinġis u l-inġenji tal-*iżvilupp.* Oħrajn b'xi mod addattaw ruħhom għal konvivenza sfurzata mal-bniedem f'ambjent urbanizzat fejn ifittxu roqgħa spazju – sostitut fqir għall-ambjent oriġinali tagħhom.**

**Dawk li ma laħqux jew li ma setgħux jaddattaw ruħhom, għebu minn gżiritna – bħalma sparixxew il-barbaġann, il-bumarin, iċ-ċawla, il-fekruna tal-baħar. Iżda minkejja ċ-ċokon tal-gżejjer tagħna, il-perċentwal estremament għoli ta' art mibnija u ħakma ta' 7,000 sena mill-bniedem, xorta baqa' natura li tibqa' tipprova tissielet għall-ispazju tagħha.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari** |
|---|---|---|

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **In-Niċeċ**

**Jidher li l-fenomenu li n-nies tagħmel niċeċ, statwi jew immaġni għal qaddisin jew divinitajiet li lejhom ikollha ċerta devozzjoni, mhix biss ħaġa tal-kattoliċi, iżda tinsab f'reliġjonijiet oħra wkoll. Naturalment wieħed ma jistax jistenna li dawn se jsibhom f'postijiet fejn ir-reliġjon tipprojbixxi l-użu ta' xbihat. U jidher li din hija prattika li tmur lura sew fil-qedem ukoll.**

**Fl-Ewropa ta' żmienna, l-aktar li ssib minn dawn in-niċeċ hu fil-pajjiżi bi tradizzjoni Kattolika: l-Italja, Spanja, Franza, il-Portugall kif ukoll fil-pajjiżi Ewropej li kienu jiffurmaw parti mill-ex-imperu tal-Awstrija, bħall-istess Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja. Issibhom ukoll in-naħa t'isfel tal-Ġermanja, speċjalment il-Bavarja. Anqas ma jonqsu fil-pajjiżi Latino-Amerikani, fejn naturalment kienu ħadu magħhom u imponew drawwiethom il-kolonizzaturi Spanjoli u Portugiżi.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari** |
|---|---|---|

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Il-Ħin**

**Immaġina li hemm bank li kull filgħodu jiddepożitalek sitta u tmenin elf u erba' mitt Ewro fil-kont tiegħek. Il-kundizzjoni marbuta ma' dan id-depożitu hi li l-flus ma jistgħux ikunu ttrasferiti minn ġurnata għall-oħra. Ikollok kemm ikollok, il-bilanċ jiġi dejjem zero malli jdoqq nofs il-lejl.**

**Kull wieħed u waħda minna għandna kont f'dan il-bank jismu ĦIN. Kull filgħodu jiddepożitalek sitta u tmenin elf u erba' mitt sekonda. Kull fil-għaxija jeħodlok dak kollu li ma jkunx irniexxielek tinvesti f'affarijiet tajbin. Illum ma tistax tissellef minn tal-bieraħ. Il-ħin iservi għal dak il-jum biss. Minn ġurnata għall-oħra titlef kollox. Kull filgħodu jinfetaħlek kont ġdid. Jekk ma tużax id-depożitu tal-ġurnata, it-telfa hi tiegħek. Għalhekk agħraf għożż kull sekonda u kull mument ta' ħajtek. Il-bieraħ għadda u mar. Għada għadu ma wasalx. Għix tajjeb illum u għada erġa' ibda.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 20**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES KLASSI** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ______________________ Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 19 | 7 | 4 | 30 | 20 | 10 | |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

StudentBounty.com

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**BIEX MA TLAQLAQX**

Sir Francis Bacon darba qal: *reading maketh a full man; writing an exact man; conference a ready man*. Xi jfisser dan? *(par. 1)*

Wara li bil-qari timla s-senduq tal-esperjenza b'tagħrif u għerf biex meta titkellem ikollok mnejn tagħżel xi tgħid, u wara li fit-taħriġ tal-kitba titgħallem tagħżel il-kliem eżatt u ħieles mill-ambigwità, tasal għat-tielet pass: *conference*. Jiġifieri taħriġ f'diskussjonijiet u konferenzi biex tkun *a ready man*, bniedem li dak li jkollu xi jgħid jgħidu bla tlaqliq. *(par. 2)*

Kemm dan it-taħriġ huwa importanti nifhmuh jekk nosservaw kif ħafna nies, suppost esperti fis-suġġett tagħhom, u li nisimgħu jitħaddtu fuq ir-radju u t-televixin, jaqilgħulek qalbek b'ħafna tqaħqiħ u "emm ... u emm ..." jew jaħbu l-indeċiżjoni tagħhom f'avverbji, sikwit barra minn lokhom, bħal 'ovvjament', 'bażikament' jew 'verament'. *(par. 3)*

Tajjeb li tidraw mil-lum, f'żgħożitkom, titkellmu fil-pubbliku bla mistħija u bla tlaqliq. Mod eċċellenti, u fl-istess ħin divertenti, biex tagħmlu dan hija r-reċitazzjoni. *(par. 4)*

Aqraw. Aqraw ix-xogħlijiet kbar tal-letteratura dinjija. Xi ġnien kbir u għani huwa dan tal-kitbiet ta' ħassieba għorrief ta' matul is-sekli! *(par. 5)*

U ħejju rwieħkom biex meta jkun meħtieġ li titkellmu fil-pubbliku ma traqqdux lil min ikun jismagħkom, iżda lill-udjenza għandkom 'taqbduha', jiġifieri lil ġemgħa ta' nies tkunu wassaltuha taħseb magħkom u titqanqal kif triduha titqanqal. *(par. 6)*

(addattament liberu ta' kitba ta' Kilin, li dehret fil-ħarġa ta' April 2002, għadd 246 tas-*Sagħtar*)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet, imbagħad wieġeb ***fi kliemek***.

1. Għaliex huwa tajjeb it-taħriġ tal-kitba? *(par. 2)*

_______________________________________________________________ (marka)

2. Għaliex ħafna drabi tinduna li xi ħadd li jkun qed jitkellem ma jkunx ippreparat? *(par. 3)*

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Liema huma ż-żewġ kwalitajiet meħtieġa biex tkun kelliem tajjeb fil-pubbliku? *(par.*

_______________________________________________ (2

4. Għaliex il-qari huwa importanti fil-ħajja? *(par. 5)*

_______________________________________________ (marka)

5. Kif tista' 'taqbadha' udjenza meta titkellem fil-pubbliku? *(par. 6)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6. Fis-silta jissemmew tliet ħwejjeġ tassew importanti għall-ħajja tal-bniedem: il-qari, il-kitba u t-taħdit. Liema taħseb li huwa l-aktar importanti fil-ħajja **tiegħek**? Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (19-il marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib u ikteb: (7 marki)

a. Żewġ verbi fil-ħames forma *(par. 2)* _______________________

b. partiċipju attiv *(par. 2)*: _______________________

ċ. nom ta' nisel mhux-Semitiku *(par. 4)*: _______________________

d. nom fil-plural sħiħ *(par. 5)*: _______________________

e. aġġettiv fl-għadd singular, ġens maskil *(par. 5)*: _______________________

f. verb fl-Imperattiv *(par. 5)*: _______________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Wieġeb kif mitlub/a: (4

| | |
|---|---|
| a. in-negattiv ta' *timla (par. 2)* | a. |
| b. l-għerq ta' *jaqilgħulek (par. 3)* | b. |
| ċ. nom diminuttiv minn *ġnien (par. 5)* | ċ |
| d. plural sħiħ minn *ġemgħa (par. 6)* | d. |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

3. Fisser skont is-silta. (4 marki)

| | |
|---|---|
| a. *senduq (par. 2)* | a. |
| b. *indeċiżjoni (par. 3)* | b. |
| ċ. *reċitazzjoni (par. 4)* | ċ. |
| d. *'taqbduha' (par. 6)* | d. |

**ANALIŻI TESTWALI**

4. Il-pronom mehmuż ***h*** fil-kelma *nifhmu**h*** *(par. 3)* għal xiex qiegħed jirreferi?

_______________________________________________________________________ (marka)

5. **n**isimgħu (par. 3) – l-***n*** ta' quddiem tissejjaħ suffiss/prefiss/infiss tat-temp Imperfett/Perfett.
(immarka t-tajba) (2 marki)

**SINTASSI**

6. Ikteb it-tieni sentenza f'paragrafu ħamsa b'tali mod li ma tibqax sentenza esklamattiva.

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7

Agħżel **waħda** minn a u b u ikteb madwar 80 kelma.

a. Agħti taqsira, fi kliemek, tas-silta *"Biex ma Tlaqlaqx*".

b. Għall-ħabta tal-Għid saret attività għaż-żgħażagħ tal-lokalità tiegħek. Ikteb rapport fuq dak li seħħ.

## D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

a. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn l-idjomi: ġurdien xiħ; ras ta' dimonju. (2 marki)

ġurdien xiħ: ____________________

ras ta' demonju: ____________________

b. Kompli dan il-qawl u fissru: Xemx u xita Alla ____________________

Tifsira: ____________________

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. LETTERATURA: *QAWSALLA* (3

**a. Aqra l-poeżija MANANNI ta' Ġorg Pisani, u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt.**

Għad-dell tal-bugonvilla,
fil-bitħa kollha ħdura,
fejn ma taħkimx tax-xemx il-qilla,
Mananni
tgħanni
u ċċekċek iċ-ċombini tal-bizzilla.

Fuq wiċċ it-trajbu tagħha
toħloq il-ġmiel ta' moski, ward u slaleb,
kultant ukoll xi stilla.
U hekk it-tvalja wiesgħa
minsuġa moski u fjuri,
tiżdied u tikber dejjem
sabiex fl-aħħar tinfirex
fuq l-imwejjed tal-kawba tas-sinjuri.

U taħseb, waqt ix-xogħ'l, Mananni taħseb
fl-ikel magħżul u bnin, imħawwar sewwa,
li, ġo platti tal-fidda,
ġurnata għad jitqiegħed
fuq wiċċ it-tvalja tagħha.
U l-ħsieb ta' l-ikel sħun u ta' l-inbid
jiftħilha dlonk l-aptit.

Għalhekk Mananni tidħol ġewwa
sabiex titrejjaq ftit
b'nofs ħobża tal-maħlut, biż-żejt miksija,
tadam bżenguli
u ġbejna tal-bżar Għawdxija.

1. Ikkummenta fuq il-metrika tal-poeżija.

____________________________________________ ( marka)

2. Agħti eżempju tal-alliterazzjoni li tinħass u tinstema' l-aktar f'vers 6.

________________________________________________

____________________________________________ (2 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Fisser dan li ġej skont kif użat fis-silta:

| | |
|---|---|
| a. *imħawwar* (v. 16) | a. |
| b. *titrejjaq* (v. 23) | b. |
| ċ. *bżenguli* (v. 25) | ċ. |

(3 marki)

4. X'tip ta' bniedma taħseb li hi Mananni?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

5. Il-poeżija taħseb li hija deskrittiva, riflessiva jew argumentattiva?

______________________________________________________________ (marka)

6. X'tip ta' kuntrast insibu f'xi partijiet tal-poeżija?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

7. Għaliex taħseb li din il-poeżija għandha tagħmel sehem mit-taqsima *Karattri*?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

**b. Il-Komponiment Letterarju.**

Wieġeb mistoqsija ***waħda*** minn dawn it-tnejn. Ikteb madwar **200 kelma** fuq karta separata.

(16-il marka)

i. Il-ħajja hija sabiħa wkoll għax meta nikbru nkunu nistgħu niftakru fiż-żminijiet ħelwa ta' meta konna żgħar. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal mill-inqas **żewġ** xogħlijiet mit-taqsima *Tifkiriet*.

ii. "Fil-ħajja niltaqgħu ma' għadd ta' karattri, xi wħud ikunu antipatiċi, iżda ħafna jkunu tabilħaqq ħelwin u jafu jmorru man-nies." Ikkummenta billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ xogħlijiet fit-taqsima *Karattri*.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## F. KOMPONIMENT (20

Agħżel **wieħed**, u ikteb madwar **350 kelma** fuq karta separata.

1. Hemm dar antika f'tarf ir-raħal
2. Quddiem il-baħar
3. "Taret kamra tan-nar oħra." Ħsebijiet.
4. Fil-ħajja qatt ma għandek taqta' qalbek
5. F'ħanut tal-kotba
6. Ħarsa fuq il-Port il-Kbir
7. L-ilwien fil-ħajja
8. Mas-sebħ

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers